**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Numru: 33/17CSH**

**Paul Formosa (I.D. 130677M)**

**Vs**

**Paul Sammut (I.D. 554358M)**

**Illum 10 ta Mejju, 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat minn Paul Formosa fit-8 ta' Frar, 2017, fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimtat Paul Sammut ihallas il-bilanc ta' sitt elef Ewro (€6000) rapprezentanti l-bilanc tas-self skont il-kuntratt datat 6 ta' Ottubru 2015 fl-atti tan-Nutar Mary Louise Spiteri, liema bilanc ghadu dovut u skada;

Illi l-intimat gie nterpellat diversi drabi u baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien notifikat bir-rikors promotur skond ir-riferta tal-Marixxal Reno Spiteri datata 24 ta' Frar 2017 (fol. 4 tergo tal-process).

Rat illi pero' l-konvenut ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talba attrici.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' April 2017 dehret Dr. Evelyn Borg Costanzi ghan-nom tal-konvenut li pprezentat nota ta' ammissjoni ghat-talba ta' l-attur.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba ta' l-attur kif kontenuta fir-rikors promotur u dan billi qed tikkunndanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma pretiza minnu fis-somma ta' sitt elef Ewro (€6000).**

**Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut u bl-imghax jibda jiddekorri millum.**

Dott. C. Scerri Herrera LL.D.

Magistrat

Marbeck Spiteri

Deputat Registratur